MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2009

Numru 17/2007

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Joseph Mifsud**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 17 tas-sena 2007 kontra l-akkuzat Joseph Mifsud, li bih huwa gie akkuzat talli:

1) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi f'xi zmien matul is-sena elfejn u erbgha (2004) il-Pulizija rceviet informazzjoni li l- akkuzat Joseph Mifsud kien qieghed jittraffika d-droga. Fl-20 ta' Novembru ta' dik is-sena, l-Pulizija nnutaw lil Mifsud jieqaf bil-karozza tieghu bin-numru ta' registrazzjoni DAV 109 fi Triq il-Kannizzata, f'Hal- Balzan, jipparkja din il-vettura wara karozza ohra bin-numru ta' registrazzjoni AMI 111, proprjeta' tieghu ukoll, johrog basket skur minn gewwa l-"luggage booth" tal-karozza li kien ghadu kif ipparkja, jiftah il- "luggage booth" tal-karozza l-ohra, w cioe' l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni AMI 111

u jitfa' l-baskett gewwa. Dak il-hin il-Pulizija intercettat lill-akkuzat u fil-fatt sabu l-baskett li kien gie miftuh mill-akkuzat gewwa l-"luggage booth". Dan il-baskett kien jikkontjeni sustanza li l-Pulizija ssuspettaw li setghet kienet raza mehuda mill- pjanta cannabis. Fil-fatt minn analizijiet u ezamijiet li saru wara minn esperti forensici, gie konfermat li din is-sustanza kienet effettivament id-droga msemmija f'ammont ta' izjed minn tmien (8) kilos, liema sustanza ghandha l-valur ta' xi wiehed u ghoxrin elf lira Maltija (LM21,000). L-akkuzat ma kienx dipendenti mid-droga b'dan li r-raza misjuba mill-Pulizija ma kienitx intiza ghall-uzu esklussiv tieghu.

Illi b'ghemilu, l-imsemmi Joseph Mifsud sar hati talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi din ir-raza meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit- Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l- Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, w meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha w ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorita' moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, w b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu;

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrat (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Joseph Mifsud" tal-11 ta' Mejju, 2004, l- akkuzat Joseph Mifsud instab hati ta' diversi delitti.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill- imsemmi Joseph Mifsud, recidiv f'delitt, talli kellu fil-pussess tieghu r- raza mehuda

mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi din ir-raza, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, w meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha w ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorita' moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, w b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(a), 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-Regola 9 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi (N.G. 292 ta' l-1939) u fl-artikoli 23, 49, 50, u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

2) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi f'xi zmien matul is-sena elfejn u erbgha (2004) il-Pulizija rceviet informazzjoni li l-akkuzat Joseph Mifsud kien qieghed jittraffika d-droga. Fl-20 ta' Novembru ta' dik is-sena l-Pulizija ntercettat lill-akkuzat kif spjegat fl-ewwel kap u sabu l-baskett li kien jikkontjeni r-raza mehuda mill-pjanta cannabis. F'dik l-istess gurnata l-Pulizija komplew bl-investigazzjonijiet taghhom fir-

residenza ta’ l-akkuzat fejn instab mizien elettroniku. Dan il-mizien gie ezaminat minn esperti forensici li kkonstataw li kien fih tracci tad-droga herojina.

Id-droga herojina hija msemmija fit-Taqsima I ta’ l-Ewwel Skeda li tinsab ma’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b’ghemilu l-imsemmi Joseph Mifsud sar hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, w meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, w ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha w ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta’ l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b’xi awtorita’ moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija.

Illi b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fl-ismijiet “Il-Pulizija v. Joseph Mifsud” tal-11 ta’ Mejju, 2004, l- akkuzat Joseph Mifsud instab hati ta’ diversi delitti.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill- imsemmi Joseph Mifsud, recidiv f’delitt, talli kellu fil-pussess tieghu d- droga herojina meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal- Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, w meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, w ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghad- Dipartiment tas-Sahha w ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta’ l-1939

ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorita' moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id- droga fil-pussess tieghu, w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn tlettax-il xahar u mhux izjed minn tnax-il sena w multa ta' mhux inqas minn mitejn lira (LM200) izda mhux izjed minn ghaxart elef lira (LM10,000) skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(2)(a)(ii)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il- Medicini Perikoluzi w r-Regola 9 tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi (N.G. 292 ta' l-1939) u fl-artikoli 23, 49, 50 u 533 tal- Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat il-verdett tal-gurati tal-lum li bih bi tmin (8) voti favur u b'vot wiehed (1) kontra sabu lill-akkuzat Joseph Mifsud hati skond l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza w bi tmin (8) voti favur u b'vot wiehed (1) kontra sabu lill-akkuzat mhux hati skond it-Tieni Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza.

Rat il-verbal li bih l-akkuzat permezz tad-difensuri tieghu ddikjara li ma kienx qed jikkontesta l-addebitu tar-recidiva.

Rat il-verdett ulterjuri tal-gurati li bi tmin (8) voti favur u b'vot wiehed (1) kontra iddikjaraw lill-hati recidiv skond l-Att tal-Akkuza.

Tiddikjara ghalhekk lil Joseph Mifsud, recidiv :-

1. hati talli f'xi zmien matul is-sena 2004 u partikolarment fl-20 ta' Novembru, 2004, kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis, jew xi preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi din ir-raza, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-

Tabib Principali tal-Gvern skond id- disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, w meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, w ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha w ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta’ l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b’xi awtorita’ moghtija mill-Ministru responsabbli ghas- Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, w b’dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il- pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu, w dana skond l- Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza;

2. tiddikjara lill-istess Joseph Mifsud mhux hati tat-Tieni Kap ta’ l-Att ta’ l- Akkuza w tilliberah minnu.

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w ezaminata mid-difiza.

Qieset is-sottomissjonijiet KOLLHA tal-abbli difensur Dr. J. Giglio, li jinsabu kollha registrati w jistghu jigu verifikati mat-traskrizzjoni tal-istess.

Qieset dak li qal l-abbli prosekutur Dr. Aaron Bugeja illi jinsab kollu registrat u jista’ jigi verifikat mat-traskrizzjoni.

Qieset li l-piena ghar-reat li tieghu nstab hati Joseph Mifsud hija dik ta’ prigunerija ghal ghomor.

Qieset li l-piena ghar-reat ta’ pussess tar-raza mehuda mid-droga cannabis, taht cirkostanzi tali li jindikaw li l-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati meta l-kaz jigi deciz minn din il-Qorti w meta l-verdett tal-guri ma jkunx unanimu, kif ukoll meta l-Qorti tkun tal-fehma li l-kwantita’ tal-medicina nvoluta fir-reat u c-cirkostanzi kollha tar-reat, il-piena ta’ prigunerija ghal dik ta’ ghomor ma tkunx dik xierqa, l-persuna misjuba hatja tkun suggetta ghall-piena ta’ prigunerija ghall-zmien ta’ mhux inqas minn erba’ snin izda mhux izjed minn tletin sena w multa ta’

mhux inqas minn Euro 2,329.37 izda mhux izjed minn Euro 116,468.67.

Qieset ghall-fini tal-ikkalibrar tal-piena sentenzi ta' din il-Qorti kif ukoll tal-Appell Kriminali (kolleggjali) f'kaz ta' sejbien ta' htija ta' reati simili li jirrigwardaw raza mehuda mill-pjanta cannabis u aktar partikolarment is-sentenza recenti tal-istess Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) fil-kawza fl-ismijiet **"Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib".** F'dak il-kaz si trattava ta' pussess ta' 19 il-sapuna tar-raza mehuda mill-pjanta cannabis u kwantita' zghira hafna konsistenti biss fi tracci ta' sustanza kokajina fejn l-istess Qorti tal-Appell kienet ikkonfermat is-sentenza ta' din il-Qorti ghar-rigward tas-sejbien ta' htija ta' tali pussess aggravat u anki ta' pussess ta' medicina perikoluza kokajina.

F'dak il-kaz il-piena kienet giet ridotta w stabilita ghal wahda ta' tlettax (13) il-sena prigunerija w multa ta' Euro 23,293.73.

Qieset li f'dan il-kaz instabu tlieta w tletin (33) sapuna tar-raza tal-pjanta cannabis u cioe' aktar minn darba w nofs tal-kwantita' misjuba fil-kaz appena citat u ftit inqas mid-doppju tal-piz tas-sapuniet involuti.

Qieset ukoll li f'dak il-kaz il-hati ma kienx recidiv kif inhu l-hati f'dan il-kaz u kien ta' eta' ferm izghar mill-hati odjern.

Ikkonsidrat

In vista tal-verdett ta' nuqqas ta' htija dwar it-Tieni Kap, takkolji s-sottomissjoni tad-difiza illi l-akkuzat m'ghandux jigi kkundannat ihallas l-ispejjez tat-tieni relazzjoni ta' Godwin Sammut li tirrigwarda l-ezami tal-mizien esebit ghal tracci ta' droga kif ukoll, in vista tas-sentenza **"Ir-Repubblika ta' Malta vs Alex Mallia"** deciza mill-Qorti tal-Appell (kolleggjali) [04.10.2007] lanqas m'ghandu jigi kkundannat ihallas l-ispejjez tat-tielet perizja ta' Godwin Sammut dwar il-valur tad-droga misjuba.

L-istess m'ghandux jigi kkundannat ihallas l-ispejjez tar-relazzjoni ta' Dr. Anthony Cutajar li giet iddikjarata inammissibbli fil-kors ta' dan il-guri bid-digriet taghha tat-22 ta' Gunju, 2009 u ghar-ragunijiet indikati fl-istess digriet.

Ikkonsidrat

Li ghal fini tal-precizazzjoni, din il-Qorti ma strahitx fuq il-fedina penali esebita ghar-rigward tar-recidiva imma fuq il-kopja tas-sentenza originali tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' Mejju, 2004 esebita fil-process li kienet sabet lill-istess Joseph Mifsud hati biss li zamm jew ezercita' jew kellu sehem ma' ohrajn fl-ezercizzju ta' burdell jew ta' dar, hanut jew lokal iehor jew ta' parti minnhom li huma ffrekwentati ghal skop ta' prostituzzjoni jew skopijiet ohra mmorali w talli, bhala sid jew li kellu taht idejh l-amministrazzjoni ta' dar jew fond fl-isem "Tangra Bar" ukoll bhala "A1 Bar", Bugibba, xjentement ta b'kiri jew ippermetta l-uzu ta' dan il-post ghall-skopijiet ohra immorali.

Wara li qieset dan kollu, w wara li rat l-artikoli 2, 8(a), 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, w ir-regola 9 ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi (G.N. 292 ta' l-1939) u l-artikoli 23, 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-hati Joseph Mifsud ghall-piena ta' tmintax (18) il-sena prigunerija, b'dana li minn dan il-periodu jrid jinqata' kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv BISS in konnessjoni ma dan ir-reat u ghall-multa ta' erbghin il-elf Euro (€40,000) li jekk ma jithallsux jigu konvertiti f'terminu ulterjuri ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija skond il-Ligi kif ukoll li jhallas is-somma ta' elf, mitejn u sitta w disghin Euro w sitt centezmi (€1296.06) import ta' l-ispejjez tal-perizji, limitatament ghal dawk li ma gewx esklusi b'din is-sentenza kif fuq intqal.

Tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat kif ukoll il-konfiska tal-propjeta' mobbli w immobli tal-hati favur il-Gvern ta' Malta.

Tordna wkoll id-distruzzjoni ta’ d-droga esebita w ta’ dawk l-esebiti li fuqhom instabu tracci ta’ droga a kura tad-Deputat Registratur ta’ din il-Qorti bl-assistenza ta’ Godwin Sammut, sakemm, fi zmien hmistax (15) il-jum mill-lum l-Avukat Generali b’nota ma jinfurmax lil din il-Qorti li ghandu bzonn dawn l-esebiti jigu prezervati ghall-skop ta’ xi proceduri ohra kontra terzi w b’dana li l-istess Deputat Registratur ghandu jirraporta b’verbal lil din il-Qorti meta dawn l-esebiti jigu hekk distrutti.

Tordna li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f’ terminu ta’ prigunerija skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------